## L-Għanja ta' l-Għanjiet: Għanja ta' mħabba spiritwali u umana

**Ref: MC/05/08**

L-Għanja ta' l-Għanjiet minn dejjem kienet enigmatika fil-Knisja. Il-Lhud sejjħulha il-qalba tal-Bibbja u l-insara hadu ż-żmien biex jagħrfuha bħala ispirata u bħala għanja ta' mħabba umana u mhux spiritwali biss. B'dan il-kors ħa nidħlu fil-fond ta' l-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet, naraw il-kuntest, il-letteratura, il-messaġġ spiritwali u uman ta' dak li jsejħulu l-isbaħ kiteb tal-Bibbja.

**5**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Martin Cilia MSSP |
| Jum: | L-Erbgħa |
| Dati: | 7, 14, 21, 28 ta' Mejju 2008 |
| Hin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 14.00 |

## Dun Ġorġ Preca u l-Kelma t'Alla

**Ref: CMS/06/08**

Dun Ġorġ Preca għex fi żminijiet meta l-Bibbja stampata ma kinetx tinstab f'kull dar bħalma nsibuha llum. Mhux hekk biss imma ma kienx possibbli li l-Bibbja tingħata f'idejn in-nies. Madankollu, hu ma nġarrx mill-kurrent ta' żminijietu u ra fil-Kelma ta' Alla l-għajn tal-ħajja nisranija. Kien għalhekk li hu ħadem b'ħiltu kollha biex bix-Xandir tal-Kelma li huwa għamel, u speċjalment b'kitbietu jwassal u juri li l-Kelma ta' Alla għandha tkun l-għajn tal-ħajja nisranija. F'dan il-kors se naraw il-ħidma u l-kitbiet ta' Dun Ġorġ Preca fid-dawl taż-żminijiet li fihom għex. B'hekk inkunu nistgħu naraw kif Dun Ġorġ kien ukoll profeta u prekursur ta' dak li qal il-Konċilju Vatikan II dwar il-Kelma ta' Alla, u l-post prinċipali li din għandu jkollha fil-ħajja tan-nisrani.

**6**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Carl Mario Sultana |
| Jum: | L-Erbgħa |
| Dati: | 11, 18, 25 ta' Ġunju 2008 |
| Hin: | 1800-2000 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 14.00 |

50 Anniversarju 1958-2008




**Aħseb għar-Rigali ta' l-Ewwel Tqarbina**

### L-ewwel Bibbja Tiegħi

Diġà għamlet suċċess kbir ma' ħafna tfal u anke kbar.
512-il paġna kollha bil-kulur
'Hard Bound' - Qoxra iebsa
Meħjut
Jinkludi wkoll dizzjunarju għat-tfal u għall-għalliema

**Investi fil-futur tat-tfal • Investi fil-Kelma ta' Alla**

**€14.00 biss**

Min jattendi hu ġentilment mitlub iġib miegħu l-Bibbja biex isegwi waqt il-korsijiet.

Kull kors ikollu kwarta break u jingħataw *refreshments*


Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

**Dar il-Bibbja,**
**62, Triq il-Miratur**
**Floriana FRN 1101 - Malta**
Tel: (+356) 2122 0318
Fax: (+356) 2123 6621
E-mail: info@maltabible.com
home page: www.maltabible.com


Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

# Korsijiet fuq il-Bibbja



## MEJJU - ĠUNJU 2008

*Int tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi;*
*Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi.*

*Salm 18, 29*

**Istitut għall-Kultura Biblika**
***Institute for Biblical Culture***

*Int tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi;*
*Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi.*

*Salm 18, 29*

Għeżież Ħbieb

It-talba għall-korsijiet fuq il-Bibbja hi waħda konsistenti. L-attendenza kbira li qed ikollna għall-korsijiet hi waħda ta' inkoraġġiment kemm għalina u kemm għall-Knisja. Aktar ma jkollna persuni mħarrġin fil-Kelma ta' Alla, aktar ikollna nsara b'saħħithom u konvinti minn dak li jemmnu u minn dak li jgħixu.

Minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom biex norganizzaw dawn il-korsijiet, aħna nibqgħu nagħmlu l-almu kollu tagħna biex nagħtu dan is-servizz hekk meħtieġ. Nemmnu li s-sigriet ta' dan is-suċċess qabel xejn hu l-Ispirtu s-Santu li jqanqal il-qlub lejn il-Kelma ta' Alla u mbagħad hu l-mod professjonali li bih isiru dawn il-korsijiet.

Inħeġġek biex ma titlifx li tieħu sehem f'dawn il-korsijiet biex inti wkoll tapprofitta mill-għerf li Alla jrid iwassallek permezz tal-Kelma tiegħu mogħtija minn persuni mħarrġa u esperti fis-suġġetti li qed jgħallmu.

Minn hawnhekk nirringrazzjahom li minkejja l-impenji kbar tagħhom, huma jagħmlu minn kollox biex joffru dan is-servizz.

Kif qed taraw mill-programm għandna korsijiet filgħodu u korsijiet filgħaxija biex hekk nilħqu aktar persuni fl-esiġenzi tagħhom.

Il-lectures isiru fis-Sala tal-Konferenzi fl-Istitut għall-Kultura Biblika li jinsab fl-indirizz 51, Triq il-Miratur, Floriana (faċċata ta' Dar il-Bibbja). Il-bini hu attrezzat bl-aħħar teknoloġija fis-sistemi tat-tagħlim. Fih ukoll l-użu ta' lift.

Mal-programm issibu formola ta' applikazzjoni li nħeġġiġkom timlewha u tibagħtuha minnufih biex ma tiddiżappuntawx ruħkom għax ma tilħqux post. Inħeġġiġkom ukoll biex jekk ma tistgħux tattendu intom, tgħaddu dan il-programm lil ħaddieħor. Inti tista' tgħin lil min forsi jaqta' qalbu biex jibda jersaq lejn il-Kelma ta' Alla fil-Bibbja!

Inselli għalikom.



**Grace Cilia**
Segretarja Ġenerali
Għaqda Biblika Maltija

# Korsijiet Filgħodu

## Il-Profeti ż-Żgħar

**Ref: AZ/05/08**

Il-Profeti kellhom rwol ewlieni fil-ħajja tat-Testment il-Qadim. Importanti li llum aħna nifhmu dak li ppriedkaw u għexu.
Mhux l-ewwel darba li fl-Iskrittura niltaqgħu ma' profeti li għexu u xandru fl-istess żmien u fl-istess pajjiż u għalhekk fl-istess sitwazzjoni soċjo/reliġjuża.
Għalhekk ta' min wieħed jistaqsi jekk il-messaġġ tagħhom kienx l-istess jew jekk kienx hemm xi differenzi fil-mod li wasslu l-messaġġ tagħhom.
Sabiex insiru nafu aktar fuq dawn il-fatti storiċi u nistgħu naslu għall-konklużjoni, ser nagħtu ħarsa lejn il-Profeti ż-Żgħar (tnax b'kollox) billi ngħarblu, niżnu u nqabblu il-messaġġ tagħhom kemm fil-kuntest politiku u soċjali kif ukoll dak reliġjuż.

**1**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Mrs Adelaide Zerafa |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | 6, 13, 20, 27 ta' Mejju u 3 ta' Gunju 2008 |
| Hin: | 0930-1100 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Hlas: | €17.00 |

## Insammru Ħarsitna fuq Kristu - Aspetti Bażiċi ta' Kristoloġija Biblika

**Ref HS/06/08**

Wara l-kors dwar it-teoloġija tar-rakkonti tal-Passjoni ta' Ġesù, dan il-kors għandu l-iskop li l-parteċipanti japprezzaw xi aspetti bażiċi dwar il-Kristoloġija. Fid-dawl ta' dak li naqraw fl-Evanġelji, nistudjaw l-ambjent li fih trabba Ġesù, l-istil tat-tagħlim tiegħu, id-dixxipulat kif xtaqu hu, u l-mirakli li huwa wettaq. Fi kliem ieħor, nippruvaw nidħlu fil-fond fil-missjoni pubblika ta' Ġesù kif preżentata lilna mill-erba' Evanġelisti. Niskopru wkoll dak li jgħallimna l-Papa Benedittu XVI fil-ktieb tiegħu "Ġesù ta' Nazaret" .

**2**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Hector Scerri |
| Jum: | L-Erbgħa |
| Dati: | 4, 11, 18, 25 ta' Ġunju 2008 |
| Hin: | 0930-1100 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Hlas: | €14.00 |

Bestprint Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789

# Korsijiet Filgħaxija

## Temi Bibliċi fil-Qurân

**Ref: JE/05/08**

Dan il-kors huwa maħsub biex jagħti daqqa t'għajn lejn il-karattri jew avvenimenti ta' oriġni biblika li jinsabu fil-Qurân kif ukoll ix-xebħ u d-differenzi li hemm dwarhom fiż-żewġ kotba. Dan għandu jwassal għal analiżi ta' l-iskop wara dawn ir-rakkonti kif jinsabu fil-Qurân.

**3**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Joseph Ellul O.P. |
| Jum: | It-Tnejn |
| Dati: | 12, 19, 26 ta' Mejju 2008 |
| Hin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Hlas: | € 12.00 |

## Il-Qawwa tal-Beatitudnijiet skond l-Evanġelju ta' San Mattew

**Ref: WA/05/08**

L-Evanġelju ta' San Mattew jiġbor fih ħames diskorsi twal importanti mnedijin minn Ġesù. L-ewwel wieħed hu magħruf bħala 'Id-Diskors tal-muntanja'. Jiftaħ bit-tmien beatitudnijiet. Bihom l-Imgħallem Divin jinawgura l-ħajja pubblika tiegħu, li prinċipalment kienet tikkonsisti fi predikazzjoni ambulanti. Minħabba f'hekk, it-tmien barkiet nistgħu nsejħulhom - naturalment biex niftiehmu - parti mill-*maiden speech* ta' Ġesù. Huma l-magna carta ta' kull min hu mgħammed. Juru liema għandu jkun il-profil jew is-silhouette spiritwali ta' kull min iddeċieda li jimxi wara Kristu. Huma t-tmien pilastri li fuqhom iserraħ l-Evanġelju kollu kemm hu. Huma s-sugu tiegħu. Meta San Pawl jikteb li n-nisrani għandu jilbes 'l Kristu, ikun qisu qed igħidlu biex jistinka biex igħix il-beatitudnijiet. Kellu raġun il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II jistqarr li d-dinja tista' tittrasforma ruħha biss, bil-patt u l-kundizzjoni li n-nies li jgħixu fiha, l-aktar l-insara, jipprattikaw l-ispirtu tal-beatitudnijiet. Fihom dinamika divina, fihom il-qawwa ta' Alla, fihom tidher l-id ta' Alla proprju għax huma ftit. Huma dawn il-ftit elementi li f'għajnejn id-dinja jirriflettu djufija, li għandhom il-kapaċità li jinfluwixxu fuq il-ħajja ta' ħafna u ħafna nies u jagħmlu minnhom qaddisin għal Alla tagħna, għall-Knisja u għas-soċjetà.

**4**

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev William Axiaq O.F.M. Cap. |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | 6, 13, 20, 27 ta' Mejju u<br>3, 10, 17, 24 ta' Ġunju 2008 |
| Hin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Hlas: | € 28.00 |